# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Settembru, 2021**

**Numru 5**

**Rikors Numru 327/21TA**

**Pierre Debono (ID 580776M)**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat, il-Kummissarju tal-Pulizija u d-Direttur tal-Qrati u Tribunali Kriminali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Pierre Debono (ir-rikorrent) tal-14 ta' Mejju 2021 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. "Illi r-rikorrent kien ġie akkużat quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

   (1) Talli għan-nom u in rappreżentanza ta' Safe Trading Limited u/jew bħala persuna reġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud skond l-At ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti magħmula bis-saħħa ta' l-istess Att, fit-28 ta' Frar 2011 f'dawn il-Gżejjer, inqast li tagħti jew tipproduċi riċevuta fiskali li tikkonforma mal-ħtiġijiet

speċifikati fil-partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud fuq bejgħ ta' provvista ta' servizz, skond il-kumpens lilek imħallas għal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 ta' l-imsemmija Skeda u l-artkoli 51 u 77 (a) u (3) u 81 ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998; u

(2) Talli peress illi kont inqast milli tkun irreġistrat għal fini tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fiż-żmien illi għamilt il-provvista msemmija hawn fuq u allura milli toħroġ l-irċevuti relattivi u sussegwentemtn mill tagħmel id-dikjrazzjoni relattiv fid-denunzja tat-taxxa u dan bil-ħsieb illi bil-qerq seta' jinħarab milli titħallas it-taxxa fuq il-valur miżjud u dan għad-dannu tal-Gvern ta' Malta, u dan bi ksur tal-artikli 76 (b) u 77(a) tal-Att XXIII ta' l-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

Inoltre, il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex timponi multa addizzjonali ta' għaxar darbiet it-taxxa perikolata, jew priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn sitt xhur, jew dawk il-multi u l-priġunerija flimkien, liema taxxa tammonta għal €1,689.56c, u dan skond artikolu 77 tal-imsemmi Att.

2. Illi permezz ta' sentenza datata 10 t'April 2013, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lir-rikorrent ħati tal-ewwel imputazzjoni u astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, u ikkundannatu għal multa ta' €700 u kif ukoll għall-multa addizzjoniali ta' għaxar darbiet it-taxxa perikolata ammontanti għal €16,895.60.

3. Illi r-rikorrent ħass ruħu aggravat minn tali sentenza u interpona appell mill-istess permezz ta' rikors tal-appell datat 22 ta' April 2013, permezz ta' liema talab lill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali sabiex tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-senteza appellata u kwindi tilliberah skont il-Liġi minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.

4. Illi dawk il-proċeduri tal-appell, bin-numru 173/2013, ġew deċiżi b'sentenza tat-13 ta' Novembru 2018, permezz ta' liema dik l-Onorabbli Qorti ċaħdet l-appell tar-rikorrent u kkonfermat is-sentenza appellata (vide Dok PD1).

5. Illi lil hinn mill-mertu tal-proċeduri kriminali, jirriżulta illi fil-mori tal-proċeduri, permezz tal-Att Nru XV tal-2016 (vide Dok A, anness ma' Dok PD2), u b'mod partikolari permezz tal-Artikolu 75 tiegħu (vide Dok B, anness ma' Dok PD2), l-imsemmi Artikolu 77 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet

ta' Malta ġie emendat b'dan illi f'każijiet bħal ma hu dak odjern, meta tkun applikabbli multa addizzjonali, din ma tkunx daqs għaxar darbiet it-taxxa ipperikolata, iżda tkun darbtejn it-taxxa ipperikolata, b'dan illi fl-ebda każ tali multa addizzjonali m'għandha tkun inqas minn elf ewro (vide Dok C, anness ma' Dok PD2).

6. Illi l-fatt li fuqhom kienu inizjati l-proċeduri mertu tal-appell kriminali bin-numru 173/2013 jirrisalu lura għas-sena 2011, u l-emenda hawn fuq imsemmija daħlet fis-seħħ permezz ta' Att tal-2016, filwaqt li dawn il-proċeduri ġew deċiżi issa, fis-sena 2018.

7. Illi għalhekk jirriżulta illi l-piena li kienet applikabbli fis-sena 2011, tramite l-intervent leġiżlattiv tal-2016, tnaqqset b'mod sostanzjali ħafna, u dan peress illi b'applikazzjoni tal-liġi kif kienet fis-sena 2011, il-multa addizzjonali ġiet meqjusa fl-ammont ta' €16,895.60, filwaqt li kieku ġiet applikata l-liġi kif sussegwentement emendata fil-mori, allura l-multa kienet tkun dik ta' €3,379.12, ċioè ben €13,516.48 inqas.

8. Illi m'hemm l-ebda dubju illi l-multa tikkwalifikata bħala 'piena', u li l-multa applikabbli fiż-żmien tal-kawża kienet inqas gravi minn dik applikabbli fiż-żmien li sar ir-reat, liema fatt, allura, jirrikjedi l-applikazzjoni tal-Artikolu 27 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

Differenza bejn il-piena fiż-żmien tar-reat u dik fiż-żmien tal-kawża.

**27.** Jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunux xorta waħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi.

9. Illi tnaqqis ta' din ix-xorta ġie applikat minn din l-Onorabbli Qorti diversi drabi, fosthom, fl-appelli fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Axiak**[1], **Il-Pulizija vs Mario Vella**[2] u kif ukoll fl-appell fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel k/a Charles Attard** [3] fejn il-Qorti spjegat illi "<u>jekk tinbidel il-piena</u> ghanda tigi applikata l-piena l-anqas gravi".

10. Illi konsegwentement, jirriżulta li l-piena li kellha tiġi applikata fil-każ in diżamina kienet dik l-aktar favorevoli għall-appellant, ċioè dik li permezz tagħha l-multa addizzjonali kienet kalkolabbli bir-rata ta' darbtejn it-taxxa ipperikolata, u mhux għaxar darbiet.

11. Illi għalhekk, ir-rikorrent umilment jissottemetti illi tali piena kif erogata hija difformi mill-kontenut tas-sentenza in kwistjoni u dan peress illi l-

[1] Qorti tal-Appell Kriminali, 25 ta' Awwissu 2008, per STO Prim Imħallef Vincent De Gaetano.
[2] Qorti tal-Appell Kriminali, 28 ta' Frar 2013, per Onor Imħallef David Scicluna.
[3] Qorti tal-Appell Kriminali, 30 ta' Diċembru 2004, per STO Prim Imħallef Vincent De Gaetano.

istess artikoli li għalihom issir riferenza fis-sentenza ma kinux jippermettu – fil-mument li fih ġiet mogħtija s-sentenza definittiva – li tiġi erogata l-piena kif mogħtija bl-istess sentenza, biex b'hekk hemm kunflitt ċar bejn il-liġi u s-sentenza, bi preġudizzju tal-ġustizzja voluta mil-liġi.

12. Illi fid-dawl ta' dan, ir-rikorrent ippreżenta rikors quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Novembru 2018, permezz ta' liema talab, *inter alia*, illi dik l-Onorabbli Qorti tiddikjara u tordna li b'applikazzjoni tal-Artikolu 27 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-multa addizjonali hija fl-ammont ta' €3,379.12 u mhux ta' €16,895.60 (vide Dok PD2).

13. Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ordnat notifika lill-Avukat Ġenerali (vide Dok PD3), li b'risposta tiegħu tal-21 ta' Novembru 2018, irrisponda illi "*stante li skont l-emendi li daħħlu fis-seħħ permezz tal-Att XV ta' l-2016 li emendaw l-Artikolu 77 ta' l-Att dwar it-Taxxa tal-Valur Miżjud illi jikkonfermaw dak allegat fir-rikors odjern u ċioè li l-multa applikata għandha tammonta daqs darbtejn it-taxxa perikolata, l-esponent, f'dan l-istadju, umilment jissuġġerixxi rimedji alternattiv għal tali talba hekk kif dedotta*" (vide Dok PD4).

14. Illi sussegwentement, l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, b'digriet tat-22 ta' Novembru 2018, għaddiet sabiex tiddikjara illi "*f'dan l-istadju din il-Qorti m'għandhiex il-fakultà tbiddel id-deċiżjoni tagħha res judicata*" (vide Dok PD5).

15. Illi fid-dawl ta' dan ir-rikorrent, permezz ta' petizzjoni datata 30 ta' Novembru 2018, talab lill-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta sabiex teżerċita l-preogattiva tal-maħfra permezz tas-setgħat mogħtija lilha bl-Artikolu 93 tal-Kostituzzjoni ta' Malta fir-rigward tas-sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Pierre Debono*, mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Novembru 2018, b'dan illi taħfer *in parte* il-kundanna għall-piena għall-multa addizzjonali sabiex din effettivament tkun tirrispekkja l-piena inqas gravi, sabiex minflok ikun obbligat iħallas il-piena addizzjonali ta' €16,895.60 is-Sur Debono ikun obbligat iħallas dik fl-ammont ta' ta' €3,379.12, liema petizzjoni ingħatat in-numru ta' riferenza OPR/1/2018/22 (vide Dok PD6).

16. Illi permezz ta' ittra datata 12 ta' April 2021, ir-rikorrent ġie mgħarraf li l-Eċċellenza Tiegħu ma kienx qed jilqa' l-imsemmija petizzjoni (vide Dok PD7).

17. Illi fil-każ odjern, ġie muri bla ebda dubju illi waqt li l-proċess penali kien għadu ma ġiex konkluż, saru emendi fil-liġi kif previst mill-Art 27 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' liema l-piena li setgħet tiġi erogata fil-konfront tar-rikorrent, qua imputat, tnaqqset b'mod konsiderevoli ħafna, u dan kif anke rikonoxxut mill-intimat Avukat Ġenerali fir-risposta tiegħu tal-21 ta' Novembru 2018 (vide Dok PD4). L-Art 27 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ċar għall-aħħar f'dak li jrid ifisser, u ma jħalli l-ebda dubju dwar liema kienet il-piena li kellha tkun applikabbli i.e. dik l-anqas gravi.

18. Illi l-imsemmi Art 27 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta effettivament jirrifletti l-prinċipju *nullum crimen, nulla poena sine lege*. Jekk persuna għadha ma ingħatax fil-konfront tagħha sentenza definittiva, u l-piena, fil-mori tal-proċeduri tinbidel, għandha tiġi applikata l-piena l-inqas gravi, dik l-aktar miti. Fil-każ in diżamina, il-piena addizzjonali ġiet mibdula fil-mori, biex miflok għaxar darbiet it-taxxa perikolata, din saret darbtejn it-taxxa perikolata, biex b'hekk huwa faċli li wieħed jikkonkludi liema hija l-iktar piena ħarxa bejn it-tnejn, u għalhekk, liema hija dik li skont l-Artikolu 27 kellha tiġi applikata.

19. Illi fis-sentenza **Kokkinakis v. Greece**[4] inqal illi "*Article 7 embodies, more generally, the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty (nullum crimen, nulla poena sine lege) and the principle that the criminal law must not be extensively construed to an accused's detriment, for instance by analogy*". L-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (il-Konvenzjoni) jixbaħ ħafna lill-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

20. Illi fil-*Guide on Article 7 of the European Convention on Human Rights*[5] jintqal hekk:

*55. Even though Article 7 § 1 of the Convention does not expressly mention the principle of the retroactivity of the lighter penalty (unlike Article 15 § 1 in fine of the United Nations Covenant on Civil and Political Rights and Article 9 of the American Convention on Human Rights),* ***the Court held that Article 7 § 1 guarantees not only the principle of non-retroactivity of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law****. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the*

[4] Sentenza tal-25 ta'Mejju 1993 (Series A no. 260-A, p. 22, § 52).
[5] European Court of Human Rights, Council of Europe, Pg 21 § 55.
https://www.echr.coe.int/Documents/Guide_Art_7_ENG.pdf

*commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant (Scoppola v. Italy (no. 2) [GC], §§ 103-109, concerning a thirty-year prison sentence instead of a life sentence). The Court considered that "inflicting a heavier penalty for the sole reason that it was prescribed at the time of the commission of the offence would mean applying to the defendant's detriment the rules governing the succession of criminal laws in time. In addition,* ***it would amount to disregarding any legislative change favourable to the accused which might have come in before the conviction and continuing to impose penalties which the State – and the community it represents – now consider excessive****" (ibid., § 108). The Court noted that a consensus had gradually emerged in Europe and internationally around the view that application of a criminal law providing for a more lenient penalty, even one enacted after the commission of the offence, had become a fundamental principle of criminal law (ibid., § 106).* [enfasi miżjud]

21. Illi fl-umli opinjoni tar-rikorrent, l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni, l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, flimkien mal-Artikolu 27 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta kollha jindikaw bla ebda dubju illi l-piena li kellha tiġi inflitta fuq ir-rikorrent kienet dik l-iktar miti skont il-liġi qabel ma ingħatat is-sentenza, liema prinċipju ma ġiex rispettat fis-sentenza indikata tat-13 ta' Novembru 2018 tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, bin-numru 173/2013, u dan għar-raġunijiet fuq esposti.

22. Illi r-rikorrent ħallas dik il-parti tal-multa li mhux qed jikkontesta (vide Dok PD8).

23. Illi għalhekk ir-rikorrent jissottometti li tali ċirkostanzi ma jistgħux jiġu ġustifikati stante li huma bi ksur tal-prinċipji hawn fuq spjegati, u dan kontra l-ispirtu tal-Artikoli in diżamina.

Għaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha

1. Tiddikkjara illi bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Pierre Debono*, tat-13 ta' Novembru 2018, ġew leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif sanċiti fl-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

2. Tħassar dik il-parti tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Pierre Debono*, tat-13 ta' Novembru 2018 permezz ta'

liema ġiet ikkonfermata s-sentenza appellata in kwantu din ikkundannat lir-rikorrent għal multa addizzjoniali ta' għaxar dabiet it-taxxa perikolata ammontanti għal €16,895.60, u timponi minflok, il-piena l-inqas gravi applikabbli skont l-Artikolu 27 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Tagħtih kumpens xieraq għall-vjolazzjonijiet lamentati, u tikkundanna lill-intimati iħallsu l-istess.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati."

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat u tal-Kummissarju tal-Pulizija (l-intimati Awtoritajiet) tal-14 ta' Ġunju 2021 li permezz tiegħu wieġbu is-segwenti:

"Illi l-esponenti jirrespingu l-allegazzjonijiet maghmula fir-rikors bhala infondati fil-fatt u fid-dritt liema eccezzjonijiet segwenti qeghdin jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal-xulxin:

1. Illi in linea preliminari jigi eccepit illi l-Kummissarju tal-Pulizija mhuwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti ai termini tal-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta u ghandu jigu liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Illi semmai huwa l-Avukat tal-Istat illi ghandu rapprezentanza gudizzjarja f'proceduri ta' din in-natura u dan ai termini tal-artikolu 181B (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi ghalkemm bhala kronoligija tal-fatti m`hemmx kontestazzjoni, huwa importanti li jigu enfasizzati certu aspetti ta` dak li gara f`dan il-kaz partikolari. Ir-rikorrenti gie akkuzat li wettaq reati ai termini tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta` Malta senjatament l-artikoli 51, 76 u 77 fost ohrajn. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) (bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali) sabet lir-rikorrent hati b`sentenza datata 10 t`April 2013 u kkundannatu ihallas multa ta` 700 euro u multa addizzjonali fl-ammont ta` 16,895.60 ai termini tal-artikolu 77 tal-Kap 406. Ir-rikorrenti appella mis-sentenza liema appell kien limitatament dwar apprezzament tal-fatti/provi. Gara li fis-sena 2016 dahlu emendi fl-artikolu 77 permezz tal-Att numru XV tal-2016 fejn jirrizulta li l-multa addizzjonali giet mibdula billi qabel kienet ghaxar darbiet it-taxxa perikolata filwaqt li bl-emenda l-gdid giet darbtejn it-taxxa perikolata.

3. Illi ghalkemm kienu dahlu dawn l-emendi fil-mori tal-appell, ir-rikorrent ma informax lil-Qorti tal-Appell Kriminali li kienu dahlu fis-sehh dawn l-

emendi fil-ligi li possibilment setghu jigu applikati b`mod favorevoli ghalih. Ghalhekk f`sitwazzjoni fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha quddiemha biss rikors ta` appell b`aggravju wiehed dwar apprezzament ta` provi, hi gustament illimitat ruhha taghti is-sentenza fuq dak l-uniku aggravju fejn jirrizulta li cahdet l-appell b`sentenza datata 13 ta` Novembru 2018. Ilkoll nafu li fil-kamp penali, meta sentenza tinqata` fl-appell dik issir *res judicata* u ma tistghax tigi modifikata jew varjata wara. Ir-rikorrenti messu qajjem din il-kwistjoni dwar il-multa addizzjonali qabel mal-Qorti tal-Appell Kriminali ippronunzjat ruhha definittivament dwar l-appell.

4. Illi l-esponenti ma jistghux jinnegaw li r-rikorrent ipprova jirrimedja ghal dan billi intavola rikors fit-18 ta` Novembru 2018 fejn talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali taghti l-piena l-iktar favorevoli ghalih u lanqas l-esponenti ma jistghu jichdu li l-Avukat Generali ma kienx oppona ghal-dik it-talba. Pero` jibqa l-fatt li f`dak l-istadju l-Qorti tal-Appell Kriminali kellha idejha marbuta galadarba is-sentenza kienet saret *res judicata* tant li minkejja li l-Avukat Generali ma kienx oggezzjona l-Qorti xorta wahda cahdet it-talba tar-rikorrent.

5. Illi r-rikorrent jaghmel referenza u jiccita mill-*Guide to Article 7 of the European Conention on Human Rights* fil-parti dwar *Principle of retrospective application of more favourable criminal law.* Pero` kif ser jigi spjegat ahjar waqt is-smigh u t-trattazzjoni ta` din il-kawza, jekk tali principju tar-retroattivita` tal-piena l-iktar favorevoli ma jigiex applikat, dan ma jfissirx li b`mod awtomatiku hemm vjolazzjoni tal-artikolu 7 u jew tal-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta` Malta. Il-ligi Maltija relevanti ghal-dan il-kaz u cioe` il-Kodici Kriminali ma tipprovdix espressament li l-Qorti penali tista tapplika *ex officio* retroattivament il-piena l-iktar favorevoli ghall-imputat ghalhekk fl-umli fehma tal-esponenti l-Qorti tal-Appell Kriminali ma setghetx tvarja il-piena minn jeddha *ex officio*.

6. Ghalhekk u fid-dawl tas-suespost l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat ir-risposta tad-Direttur Qrati u Tribunali Kriminali (l-intimat Direttur) tat-22 ta’ Ġunju 2021 li permezz tiegħu wieġeb is-segwenti:

“1. Illi in linea preliminari ukoll jigi eccepit li l-eccipjenti Direttur Qrati u Tribunali Kriminali assolutament m’huwiex il-legittimu kontradittur

għall-lanjanza attriċi u għalhekk għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti;

2. Illi f'dan il-każ ir-rikorrenti bl-ebda mod ma hu qeda tattribwixxu l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha għal xi nuqqas jew agir minn naħa tal-esponenti li hu responsabbli biss mill-amministrazzjoni tal-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati u għalhekk anke minn dan il-lat, it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

3. Illi l-esponenti ma kellu ebda kontroll fuq il-proċeduri li qed jiġu attakkati u lanqas ma kien involut jew parti fil-kawża in meritu għalhekk żgur li l-lanjanzi tar-rikorrent mhumiex bl-ebda mod tort tal-esponenti;

4. Illi f'dan il-kuntest l-esponenti jagħmel ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru, 2005 fejn ġie ritenut:

   '*Kwantu għall-appellat Registratur, Qrati Ċivili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-iċken dubbju li dan ma hux il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża. Ir-Registratur ma jirrapreżentax lill-Qrati li l-operat tagħhom ġie attakkat bir-rikors promotorju – anzi, bil-kontra, huwa jieħu l-ordnijiet mingħandhom skond il-liġi – u hu ma hux f'pożizzjoni li jagħti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'tiċċensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawn il-Qrati.'*

5. Illi in oltre ssir ukoll referenza għas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) datata 12 ta' Marzu tas-sena 2015 fl-ismijiet **Dr. Joseph Zammit Tabona et vs Direttur Ġenerali Qrati et**;

6. Salvi, jekk ikun il-każ, eċċezzjonijiet ossia risposti ulterjuri.

Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad in toto t-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti."

Rat li permezz tal-verbal fis-seduta tat-23 ta' Ġunju 2021 ġew ordnati l-allegazzjoni tal-atti relattivi tal-proċeduri tal-Appell Kriminali numru 173/2013 fl-ismijiet Il-Pulizija -vs- Pierre Debono;

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-Kawża;

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Mingħajr il-ħtieġa li din il-Qorti tidħol f'dettalji żejda, jirrisulta li r-rikorrent għan-nom tas-Soċjeta' Safe Trading Ltd u/jew bħala persuna reġistrata mal-Kummissarju tal-VAT ai fini ta' din it-taxxa fuq il-valur, kiser diversi provvedimenti tal-Att XXlll tal-1998.

**2.** Permezz ta' Sentenza datat 10 ta' April 2013 tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, dik il-Qorti sabet lir-rikorrent ħati ta' imputazzjoni minnhom u kkundannatu għal multa ta' €700 u kif ukoll għal multa addizzjonali ta' għaxar darbiet it-taxxa perikolata ammontanti din il-multa għal €16,895.60. Ir-rikorrent ħassu aggravat minn din is-Sentenza u għalhekk interpona Appell sabiex tilliberah mill-akkużi kollha. L-Appell inkwistjoni ġie deċiż fit-13 ta' Novembru 2018.

**3.** Fil-mori ta' dan l-Appell u meta dan kien differit diversi drabi għas-Sentenza, inbidlet il-liġi inkwistjoni permezz tal-Att XV tal-2016 li daħal fis-seħħ fit-13 ta' Marzu 2016. L-emenda hija fis-sens li artikolu 77 tal-liġi ġie emendat b'mod li l-multa addizzjonali tnaqqset drastikament għal €3,379.12. Dan ifisser €13,516 anqas minn dik li r-rikorrent ġie ikkundannat iħallas.

**4.** Sitt ijiem wara li ngħatat is-Sentenza tal-Appell Kriminali, ir-rikorrent għamel rikors fejn ġab dan kollu a' konjizzjoni ta' dik il-Qorti u talabha, fost oħrajn bl-applikazzjoni tal-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali, sabiex il-multa

addizzjonali tiġi ridotta għal €3,379.12. Dik il-Qorti, wara li rat x'kellu xi jgħid l-Avukat Ġenerali għal din it-talba, b'digriet tat-22 ta' Novembru 2018, qieset li ma għandhiex il-fakulta' li tbiddel deċiżjoni tagħha res judicata. Konsegwentement ċaħdet it-talba.

**Punti ta' Liġi**

**5.** Ir-rikorrent qiegħed jikkontendi li l-Qorti kellha tapplika l-aktar piena favorevoli fid-dawl tal-emenda fuq imsemmija. Fir-rigward ta' dan, anke jiċċita l-artikolu 27 tal-Kodiċi Ċivili li jistipula hekk:

"*Jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunux xorta waħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi.*"

**6.** Dan il-prinċipju huwa wieħed antik u abbraċjat minn dawk is-sistemi ta' liġi penali li għandhom tradizzjoni demokratika u tax-xorta akkużatorja. Dan tant huwa prinċipju importanti, li ġie ukoll santifikat bħala wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem f'artikoli 39(8) u 7 tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni rispettivament. Dawn l-artikoli jiddisponu hekk:

39(8): *Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew omissjoni li, fil-ħin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bħal dak, u ebda piena ma għandha tiġi mposta għal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-ogħla piena li setgħet tiġi mposta* ***<u>għal dak ir-</u>***

*reat fiż-żmien meta jkun ġie ma*għmul (Emfażi tal-Qorti qiegħed isir, fid-dawl tar-raġunament aktar 'l isfel f'din is-Sentenza)

U

Artikolu 7(1): *Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skont liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkun sar. Lanqas ma għandha tingħata piena akbar* minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar (Emfażi ukoll ta' din il-Qorti qiegħed isir, fid-dawl tar-raġunament aktar 'l isfel ta' din is-Sentenza).

**7.** Huwa fid-dawl ta' dawn l-artikoli li din il-Qorti sejra tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha.

**Konsiderazzjonijiet**

**8.** Kif diġa aċċennat, il-prinċipju in dibattitu huwa wieħed antik u li dejjem ġie abbraċjat mill-Qrati tagħna. Di fatti ntqal kemm-il darba, li jekk xi piena kienet aktar baxxa fi żmien meta seħħ ir-reat, allura għandha tingħata dik il-piena u mhux il-piena ogħla jekk fil-mori tal-kawża kien hemm xi emenda sabiex tiżdied il-piena. Mill-banda l-oħra jekk il-piena tonqos, allura għandha tingħata dik li hija aktar baxxa (Ara n-Noti tal-Professur Mamo). Jekk il-piena tkun abrogata, allura imbagħad jgħodd dak li jipprovdi l-Att Dwar l-Interpretazzjoni (ara **Sentenza tal-15 ta' Lulju, 2013 Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija -vs- Jason Psaila**).

**9.** Sa fejn il-liġi ġdida taħseb għall-piena akbar, kemm is-Sentenzi u kif ukoll l-awturi huma konkordi bil-mod segwenti: jekk il-piena fil-mument tat-twettiq tar-rejat kien aktar baxxa minn dik li ġiet wara, allura mingħajr dubbju tibqa' tapplika tal-ewwel. Il-problema tqum jekk il-piena l-ġdida tkun aktar baxxa minn dik li kienet tesisti fil-mument li twettaq ir-rejat. Il-kwistjoni kollha hi, jekk artikoli 39(8) u 7(1) tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni rispettivament, għandhomx jiġu applikati fil-każ ta' piena aktar baxxa li tiġi fis-seħħ wara li jkun twettaq ir-rejat, jekk mhux ukoll fil-mori tal-proċeduri kriminali, kif fil-fatt huwa l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti. Ftit eżami kompartiv dwar x'jipprovdi strumenti legali oħrajn jista' jitfa' xi ftit tad-dawl fuq din il-problema.

**10.** Per eżempju f'**The American Convention on Human Rights,** artiklu 9 jiddisponi hekk:

"*No one shall be convicted of any act or omission that did not constitute a criminal offense, under the applicable law, at the time it was committed. A heavier penalty shall not be imposed than the one that was applicable at the time the criminal offense was committed. <u>If subsequent to the commission of the offense the law provides for the imposition of a lighter punishment, the guilty person shall benefit therefrom.</u>*" (Emfażi ta' din il-Qorti).

**11.** Hekk ukoll interessanti dak li tgħid **The European Union's Charter of Fundamental Rights** f'artikolu 49(1) li jiddisponi hekk:

"*No one shall be held guilty of any criminal offence on account of any act or omission which did not constitute a criminal offence under national law or international law at the time when it was committed. Nor shall a heavier penalty be imposed than that which was applicable at the time the criminal offence was committed. <u>If subsequent to the commission of a criminal offence, the law provides for a lighter penalty, that penalty shall be applicable</u>.*" (Emfażi tal-Qorti)

**12.** Is-Sentenzi tal-ECHR jidher li huma konformi ma din il-posizzjoni. Fil-każ ta' Silvio Berlusconi u oħrajn kontra l-Italja, il-prinċipju ta' retroattivita' ta' piena aktar mita ġie aċċettat (ara **Sentenza tat-3 ta' Mejju 2005 Kawżi numri C-387/02, C-391/02 and C-403/02**).

**13.** F'din il-kawża l-Qorti kienet aktar minn ċara dwar il-prinċipju meta enunċjat is-segwenti:

"*67. It must be pointed out in this regard that, according to settled case-law, fundamental rights form an integral part of the general principles of law, the observance of which the Court ensures. For that purpose, the Court draws inspiration from the constitutional traditions common to the Member States and from the guidelines supplied by international treaties for the protection of human rights on which the Member States have collaborated or to which they are signatories (see, inter alia, Case C 112/00 Schmidberger [2003] ECR I 5659, paragraph 71 and the case-law there*

*cited, and Joined Cases C 20/00 and C 64/00 Booker Aquaculture and Hydro Seafood [2003] ECR I 7411, paragraph 65 and the case-law there cited).*

*68. The principle of the retroactive application of the more lenient penalty forms part of the constitutional traditions common to the Member States.*
*69. It follows that this principle must be regarded as forming part of the general principles of Community law which national courts must respect when applying the national legislation adopted for the purpose of implementing Community law and, more particularly in the present cases, the directives on company law*."

**14.** Fil-**Guidelines Manual** dwar artikolu 7(1) insibu spjegat hekk:

*"Even though Article 7 § 1 of the Convention does not expressly mention the principle of the retroactivity of the lighter penalty (unlike Article 15 § 1 in fine of the United Nations Covenant on Civil and Political Rights and Article 9 of the American Convention on Human Rights), the Court held that Article 7 § 1 guarantees not only the principle of non-retroactivity of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant*

*(Scoppola v. Italy (no. 2) [GC], §§ 103-109, concerning a thirty-year prison sentence instead of a life sentence).*

*The Court considered that "inflicting a heavier penalty for the sole reason that it was prescribed at the time of the commission of the offence would mean applying to the defendant's detriment the rules governing the succession of criminal laws in time. In addition, it would amount to disregarding any legislative change favourable to the accused which might have come in before the conviction and continuing to impose penalties which the State – and the community it represents – now consider excessive" (ibid., § 108).*

*The Court noted that a consensus had gradually emerged in Europe and internationally around the view that application of a criminal law providing for a more lenient penalty, even one enacted after the commission of the offence, had become a fundamental principle of criminal law (ibid., § 106). Furthermore, the Court has found that the principle of the retrospective application of the more lenient criminal law applies not only to the applicable penalty but also in the context of an amendment relating to the definition of the offence (Parmak and Bakir v. Turkey, § 64; Advisory opinion concerning the use of the "blanket reference" or "legislation byreference" technique in the definition of an offence and the standards of comparison between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and the amended criminal law, [GC], § 82)."*

**15.** Dan ifisser li minkejja artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni jispeċifika biss li "*Lanqas ma għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar*", dan għandu jinftiehem li bħal ma hemmx non-retroattivita' fil-każ ta' piena li hi eħrex, hemm retroattivita' fil-każ ta' piena li hija anqas ħarxa minn dik esistenti fil-mument li twettaq ir-rejat. Ovvjament dan japplika ukoll għall-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni li huwa l-artikolu ekwivalenti għal dak tal-Konvenzjoni.

**16.** Kieku l-affarijiet kienu ċari daqs kemm jidhru, din il-Qorti ma kienx ikollha għalfejn tindaga x'inhu l-import ta' dan il-prinċipju fid-dawl ta' dak li ngħad sa issa f'din is-Sentenza. Iżda l-kwistjoni tikkomplika ruħha xi ftit b'dak li għidu l-Awturi fir-rigward ta' artikolu 7 imsemmi.

**17.** Fost oħrajn jinnotaw li "*Article 7 applies where a change in the law occurs retroactively "to the detriment of the accused". What it does not do is guarantee that the accused has the benefit of any alteration in the law to his advantage that takes place between his act or omission and his trial."* *(***Law of the European Convention on Human Rights - Harris, O'Boyle & Warbrick - 1995 p. 274 et seq.***)* Dawn l-Awturi għidu ukoll li *"What is the situation if, after the time the offence was committed but before the trial the norm of criminal law or the measure of the penalty has been modified in a sense which is more favourable for the accused? Do the Courts have to apply that modified provision? ..... The words "at the time the criminal offence was committed"suggest that this provision does not confer a right*

*to application of the norm as subsequently alleviated or of the lowered measure of the penalty."* (**Theory and Practice of the European Convention on Human Rights - P. Van Dijk and C. J. Van Hoof - pp. 273 et seq**).

**18.** Jidher li din l-aħħar ottika ġiet segwita fis-Sentenzi tal-Qrati Maltin. Fost oħrajn dawn għidu li "*ma jfissirx illi awtomatikament hemm id-dritt ta' kull min ikollu kaz pendenti istitwit taht id-disposizzjoni tal-ligi precedenti illi jibbenefika mit-tibdil vantaggjuz. Id-dritt vantat mill-appellant, kif spjegat fis-sentenza appellata, u kif jidher ukoll mic-citazzjonijiet minn awturi awtorevoli fuq il-materja, sempliciment ma jezistix. Kien jezisti d-dritt kieku giet applikata fil-konfront tieghu ligi sostantiva retroattivament li kienet taggravalu s-sitwazzjoni. Pero', ma jistax jippretendi li ligi li saret biex tirregola l-istituzzjonijiet ta' kawzi simili ghal tieghu, imma minn data sussegwenti ghal dik li fiha giet istitwita tieghu, u ghal meta huwa kkommetta r-reati addebitati lilu, ghandha tapplika a vantagg tieghu*" (ara **Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-9 ta' Ottubru, 2001 fl-ismijiet Victor Micallef -vs- Avukat Generali et**).

**19.** Dawn il-Qrati jkomplu jispjegaw li '*Hu car infatti illi kemm il-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni jezigu li r-reita o meno ta' persuna akkuzata b'delitt ghandha tigi kristalizzata fil-mument fiz-zmien meta r-reat gie allegatament kommess. Il-protezzjoni kostituzzjonali testendi biss u gustament biex tassigura li persuna li tikkommetti l-fatt delitwuz ikollha l-*

*konoxxenza illi dak il-fatt li jkollha hsieb li tikkommetti w effettivament tikkommetti jkun jikkostitwixxi reat skond il-ligi f'dak iz-zmien u li ghal tali kommissjoni hu kien ser ikun passibbli ghal certa piena ben determinata f'parametri li ma setghux jigu aggravati. Jigifieri l-protezzjoni kostituzzjonali testendi ghal dawk il-principji kardinali ta' dritt minn sekli rikonoxxuti "nullum crimen sine lege" u "nulla poena sine lege".'*

**20.** Jista' jagħti l-każ li dawn is-Sentenzi ħadu l-posizzjoni inflessibbli tal-Att Dwar l-Interpretazzjoni tal-Liġijiet, Kap 249 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi hekk:

"*12.(1) Meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Atti ħassar xi liġi oħra, kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju, t-tħassir m'għandux –*

*(a) jerġa' jġib fis-seħħ xi ħaġa li ma tkunx fis-seħħ jew li ma tkunx teżisti fiż-żmien li fih iseħħ it-tħassir;*

*(b) jolqot it-tħaddim ta' xi liġi qabel ma kienet hekk imħassra jew xi ħaġa magħmula jew li tħalliet issir taħt xi liġi hekk imħassra;*

*(ċ) jolqot xi dritt, privileġġ jew responsabbiltà miksuba jew meħuda taħt xi leġislazzjoni hekk imħassra jew li ġejja minn xi leġislazzjoni bħal dik;*

*(d)* ***jolqot xi penali, konfiska jew piena li wieħed seta' jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbiltà għal xi penali, konfiska jew piena bħal dawk;***

(e) *jolqot kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju dwar xi dritt, privileġġ, obbligazzjoni, responsabbiltà, penali, konfiska, jew piena kif intqal qabel,u kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju bħal dawk jistgħu jinbdew, jitkomplew, jew jiġu nforzati, u kull penali, konfiska jew piena bħal dawk jistgħu jiġu mposti, bħallikieku l-Att li jħassar ma jkunx għadda*" (Emfażi ta' din il-Qorti).

**21.** Dan ifisser li bħala regola ġenerali, permezz ta' dan l-Att, il-leġislatur poġġa fuq il-pjan normattiv posittiv il-prinċipju ukoll daqstant antik ta' *lex non habet oculos retro*. Pero', kif josserva il-Professur Anthony Mamo aktar 'l isfel. Ma jfissirx li din ir-regola ġenerali ma għandhiex eċċezzjonijiet anke jekk dak li kiteb kien fi żmien qabel il-Kap 249 promulgat fl-1975. Huwa l-prinċipju li jrid jitqies biex tkun mifhuma l-problematika li għandha quddiemha din il-Qorti.

**22.** Għalhekk din il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ posizzjonijiet dijametrikament opposti għal xulxin. Dik ritenuta mill-Qrati Maltin u ċertu awturi barranin, u dik kif spjegata mill-ECHR kif fuq ingħad. Din il-Qorti taqbel mal-posizzjoni kif enunċjata mill-ECHR.

**23.** Fl-ewwel lok jidher li l-posizzjoni tal-Qrati Maltin ittieħdet snin ilu u cioe' fl-2001. Anke l-posizzjoni tal-awtur Boyle tmur lura għall-1995. Minn dak in-nhar sal-lum, il-posizzjoni quddiem l-ECHR evolviet bil-mod kif

spjegat aktar 'l fuq fis-sens li r-retroattivita' ta' pieni aktar favorevoli illum huwa kunċett prattikat u aċċettat fil-parti l-kbira tal-pajjiżi komunitarji.

**24.** Din il-Qorti temmen li l-posizzjoni taħt artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali hija riflessjoni tas-sitwazzjoni legali kif għandha tkun u cioe' li "*Jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunux xorta waħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi".* Jiġi osservat li l-esistenza ta' dan l-artikolu hija anteċedenti għall-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni. Il-ħsieb wara dan l-artikolu huwa inklinat li jħares il-liberta' u l-integrita umana tal-individwu. Tant kemm dan huwa minnu li l-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali baqa' mhux mittiefes u mimsus sa minn meta l-Kodiċi Kriminali kien ġie promulgat bil-Proklama numru 1 tal-10 ta' Marzu 1854 li promulga l-Ordni tal-Maesta' Tagħha r-Reġina fil-Kunsill tat-30 ta' Jannar 1854. Dak iż-żmien l-artikolu 26 kien diġa' jaqra hekk: "*Se la pena stabilita nel tempo del giudizio e quella che era fissata nel tempo del reato fossero diverse fra loro, sara' sempre applicata quella di qualita' meno grave*".

**25.** Aktar minn hekk, huwa ukoll prinċipju assodat, li jekk rejat li kien jesisti fil-mument meta kien kommess, ma jibqax rejat qabel ma jinbdew proċeduri jew waqt l-istess proċeduri, in ommaġġ tal-prinċipju *nullum crime sine lege*, hija l-liġi li tannullah li għandha tapplika bil-konsegwenza li l-persuna tiġi meħlusa. Għalhekk il-konsegwenza loġika hi, tesisti

retroattivita' fil-każ ta' rejat li jiġi annullat b'liġi sussegwenti, mela kemm aktar meta l-piena issir anqas ħarxa!

**26.** Huwa għalhekk ukoll interessanti ta' dak li għandu xi għid il-Professur Anthony Mamo dwar il-materja. It-tagħlim tiegħu jistħoqqlu li jkun ċitat *in extenso*:

"*An apparent exception to the rule that a penal law cannot have retrospective effect occurs where a new law enacted after the commission of the offence is less severe or more advantageous to the offender than the law in force at the time the offence was committed. This hypothesis is twofold:-*

*a) The law against which the offence was committed is subsequently repealed, so that the act is no longer criminal;*
*b) The law against which the offence was committed is subsequently amended or changed so that, though the act is still criminal, the punishment or the conditions of liability and prosecution are varied.*

*B. This concerns the effect of a subsequent law (that is, a law enacted subsequently to the commission of the offence) which does not cancel the criminal character of the act but alters the law on which the charged is framed by varying the penalty or the conditions of liability of prosecution in respect of that act. The 'communis opinio' among continental writers is that where the law in foce at the time of the commission of the offence and the*

*subsequent law are different, the offender should be dealt with according to the law which is more favourable to him. This means that if the law in force at the time of the trial is less favourable to the accused than the law in force at the time of the commission of the offence, it is the latter law that should be applied retrospectively to his prejudice. If, on the contrary, the new law is more favourable to the accuse than the law which was in force at the time the offence was committed, then it is the new law that should be applied; for, if the old law were to be applied, it would have, as to the excess of punishment or other aggravation, an effect beyond its limit of valid operation.*

*Section 28* (recte Illum 27) *of our Criminal Code provides that "if the punishment prescribed by the law in force at the time of the trial is different from that prescribed by the law in force at the time of the commission of the offence, the less severe of the two punishments (Old Italian text : "pena di qualita' meno grave") shall be applied.*

*In practice it is sometimes difficult to decide which of the two punishments is 'less severe'. In this connection regard must chiefly be had to the nature or quality of the two punishments, rather than to their duration. Every punishment causes a suffering and deprives the offender of some right: therefore, of two punishments, that one is less severe which causes less suffering and deprives the sufferer of a less important right. It is only when both punishments are of the same nature or quality that the longer or*

*shorter term thereof is a truly decisive factor in comparing their severity. ......*

*The above-quoted provisions of our Criminal Code applies 'expressis verbis' where the difference is between the punishment as at the time of the commission of the offence and the punishment as at the time of the trial. This means that if, when the new law reducing the punishment comes into force, proceedings in respect of the offence have already been definitely concluded, such new law does not affect the sentence already awarded; saving, of course, even in this case, the Prerogative of Mercy.* ***If, however, when the new law comes into operation an appeal from the sentence is still pending, then the accused is entitled to the benefit of the less severe punishment*** *(V. Crim. Appeal 'The Police vs. S. Chircop et' 13.XI. 1943; Roberti, op. cit. Vol II, 315). .....''* (Emfażi tal-Qorti)(**First Year, 1965, edizzjoni riveduta fl-1986, f'paġna 30, l-Operation of Criminal Law, Limitations by Time**).

**27.** Iġifieri l-Professur Anthony Mamo jolqot il-musmar fuq rasu meta josserva, li l-piena l-aktar mita għandha tapplika, anke jekk il-każ ikun għadu taħt appell. Dan huwa preċiżament il-każ li għandha quddiemha din il-Qorti.

**28.** Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet ikun xieraq, li tiġi rintraċċjata t-trajetorja ta' kif seħħew l-avvenimenti fil-perkors tas-smiegħ tal-Appell.

**29.** L-appell tar-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali kien introdott fit-23 ta' April 2013. Fl-24 ta' Frar 2015 l-Appell kien trattat u tħalla għas-Sentenza. Wara numru ta' differimenti, stante li l-Qorti kellha bżonn aktar ħin għas-Sentenza, din ingħatat fit-13 ta' Novembru 2018. L-Att XV tat-2016 daħal fis-seħħ ben sena u nofs qabel ma ingħatat is-Sentenza. Fid-19 ta' Novembru 2018, ir-rikorrent intavola rikors fejn talab li tkun riformata l-piena. B'digriet, il-Qorti ċaħdet it-talba għaliex ma kellhiex il-fakulta' li tbiddel Sentenza meta tkun saret ġudikat.

**30.** Din il-Qorti tibqa' immeraviljata kif għal sena u nofs qabel ma ingħatat is-Sentenza r-rikorrent ġibed l-attenzjoni tal-ftit tal-jiem wara s-Sentenza. Sa fejn jirrigwarda lir-rikorrent, ma jistax jinvoka l-injoranza tal-liġi għaliex *ignorantia iure nemo excusat.* Iżda sa fejn jirrigwarda l-Qorti din il-massima ma hiex applikabbli. Il-Qorti hija meqjusa li taf il-liġijiet u għandha tassiġura li dawn ikunu imħarsa, b'mod partikulari fil-każ ta' pieni penali li għandhom valur imprezzabbli għall-individwu li jkun taħt akkuża.

**31.** Il-Qorti tħoss li l-piena mita introdotta fil-mori tad-differiment kellha tkun applikata *ex officio* mill-Qorti. Fil-fatt il-Qorti tal-Appell Kriminali għandha l-fakolta' li tibdel il-piena anke jekk strettament ma jkun hemmx appell f'dak ir-rigward. Tenut kont li din il-Qorti taqbel li l-introduzzjoni fil-liġi ta' piena anqas severa għandha effett retroattiv, il-finzjoni legali li jġib miegħu dan il-prinċipju hu, li dik il-piena għandha titqies daqs li kieku kienet il-piena applikabbli fil-mument li twettaq ir-rejat. Għalhekk meta ġiet

applikata l-piena l-aktar ħarxa, dan sar kontra dak li jrid artikolu 428(7) tal-Kodiċi Ċivili li jidisponi li "*Jekk l-appell isir biss mill-persuna misjuba ħatja, il-piena ma tistax tiżdied".*

**32.** Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma soda, fid-dawl ta' dak li intqal aktar 'l fuq, illi għandu raġun jilmenta, li bil-mod li seħħew l-affarijiet fil-perkors tal-Appell, ġew miksura d-drittijiet fundamentali tiegħu kif imħarsa minn artikolu 39(8) u 7(1) rispettivament tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni.

**33.** Sa fejn jirrigwarda lill-intimati Kummissarju tal-Pulizija u Direttur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, huwa minnu li dawn ma humiex il-leġittimi kontradittturi. Il-Qorti qed tasal għal din il-konklużjoni fir-rigward ta' dawn iż-żewġ intimati fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 181(B) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta u abbażi ukoll ta' pronunzjamenti ta' dawn il-Qrati f'dan ir-rigward (Ara **Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Mark Lombardo et -vs- Kunsill Lokali Fgura tas-7 ta' Ottubru 2005).**

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati din il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi r-rikors bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** kemm tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija u kif ukoll tad-Direttur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u għalhekk tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Tilqa' l-ewwel** talba billi tiddikjara illi bis-Sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Pierre Debono*, tat-13 ta' Novembru 2018, ġew leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif sanċiti fl-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

**Tilqa' t-tieni talba** billi tħassar dik il-parti tas-Sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Pierre Debono*, tat-13 ta' Novembru 2018, limitatament għall-piena inflitta peress li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif sanċiti fl-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Dan ifisser li l-multa addizzjonali għalhekk għandha tkun ta' tlett elef tlett mija disgħa u sebgħin ewro u tnax-il ċenteżmu (€3,379.12);

**Tilqa' it-tielet talba** u tillikwida kumpens fl-ammont ta' għaxart elef ewro (€10,000) u **tikkundanna** lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas dan l-ammont, bl-imgħaxijiet legali mill-presenti Sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjes tal-proċeduri kollha a' karigu tal-Avukat tal-Istat.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-Sentenza tiġi notifikata lill-Ispeaker tal-Kamra kif trid il-liġi.

**Imħallef Toni Abela** | **Deputat Reġistratur**